MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1307/2002/1

**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.**
**Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Ottubru, 2002**

**Numru 28**

**Avviz  numru 1307/02JR**

**Fogg Insurance Agencies Limited u Lino Borg**
**vs**
**Lawrence Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmienja u sittin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm468.33), rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-14 ta' Gunju, 1999, ghall-habta tal-12.45p.m., gewwa Sister Street, c/w Zabbar Road, Paola, bejn il-vettura misjuqa mill-attur Lino Borg, bin-numru ta' registrazzjoni LAR-016, u l-vettura misjuqa mill-konvenut, bin-numru ta' registrazzjoni IAH-502:**

**In kwantu ghas-somma ta' erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm443.33) lis-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, rapprezentanti l-hlasijiet kollha minnha effettwati bhala rizultat ta' l-incident de quo; u**

**In kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur Lino Borg, ammont rapprezentanti excess payment minnu mhallas lis-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, bhala konsegwenza ta' l-istess incident imsemmi;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2000, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment lis-socjeta` Rausi Insurance Agency Limited, u interessi legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-8 ta' Frar, 2000 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Savona ghas-socjeta` attrici, u ra l-affidavit ta' Lino Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Gunju, 1999 meta l-attur kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAR-016 gewwa Zabbar Road, Paola, gej mid-direzzjoni tal-Fgura, safa involut f'kollizzjoni mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAH-502 misjuqa mill-konvenut.**

**Jirrizulta illi l-incident sehh minhabba li l-konvenut baqa' hiereg minn fuq "stop sign" minghajr ma waqaf. Kif ritenut kostantement meta hemm "stop sign" wiehed ghandu l-obbligu li jieqaf u jesplora t-triq qabel ma johrog fiha, sabiex jara li jista' johrog minghajr ma jikkreja perikolu ghat-traffiku li jkun ghaddej. Ghalhekk ma hemmx dubbju li ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut.**

**Bhala danni gew esebiti r-ricevuti relativi u dawna jirrizultaw fl-ammont mitlub fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm443.33), u lill-attur Lino Borg is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) rapprezentanti excess payment li hallas l-istess attur, bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Frar, 2000 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2000, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` Rausi Insurance Agency Limited, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**